MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Diċembru, 2017

Rikors Maħluf Numru 190/16LM

**Alan Wood (K.I. 75670M)**

***vs.***

**Feras Ben-Saoud u Mapfre Middlesea p.l.c. (C 5553)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fid-9 ta' Marzu, 2016 mill-attur **Alan Wood** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), li jgħid kif ġej:

*Illi fid-9 ta' Marzu 2015, l-attur kien miexi fi Triq it-Torri, Sliema għal ħabta ta' 7.30a.m.;*

*Illi l-attur ried jaqsam it-triq u meta ħares ma ra ebda vettura ġejja fid-direzzjoni tiegħu u beda jimxi. Meta kien f'nofs il-karreġġjata, vettura tal-marka Hyundai bin-numru ta' reġistrazzjoni DQZ-676 misjuqa mill-konvenut Feras Ben-Saoud*

*daħlet ġo fih, kif jidher fir-rapport tal-pulizija hawn anness u mmarkat bħala dok. A*[1]*;*

*Illi huwa ċar li l-inċident tad-9 ta' Marzu, 2015 seħħ minħabba n-negliġenza, traskuraġni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naħa tal-konvenut Feras Ben-Saoud;*

*Illi l-attur sofra ġrieħi gravi (Dok. B*[2]*) u bħala riżultat ta' dawn il-ġrieħi qed isofri minn diżabbilità permanenti, kif ċertifikat (Dok. C*[3]*);*

*Għaldaqstant, jgħidu l-konvenuti għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex*

1. *Tiddikjara l-konvenut Feras Ben-Saoud responsabbli tal-inċident tad-9 ta' Marzu, 2015 fi Triq it-Torri, Sliema;*

2. *Jiġu likwidati d-danni emerġenti mill-inċident hawn fuq imsemmi;*

3. *Jiġu kkundannati l-konvenuti sabiex iħallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż, il-konvenuti mħarrka għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Mapfre Middlesea p.l.c.** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") u tal-konvenut **Feras Ben-Saoud** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), u maħlufa minn Patrick Muscat, rappreżentant tas-soċjetà konvenuta kif debitament awtorizzat, li ġiet ippreżentata fit-30 ta' Marzu, 2016, li biha eċċepew:

1. *Illi l-intimati jiċħdu r-responsabbiltà għall-inċident li seħħ fid-9 ta' Marzu, 2015 fi Triq it-Torri, Sliema peress illi l-istess inċident seħħ unikament minħabba t-traskuraġni u imperizja da parti tal-attur Alan Wood;*

2. *Illi għaldaqstant l-ebda ammont m'għandu jiġi llikwidat favur l-attur;*

[1] *A fol.* 13 sa 17.
[2] *Case summary* tal-Isptar Mater Dei, *a fol.* 4 sa 8.
[3] Rapport tal-konsulent kirurgu ortopediku Frederick Zammit Maempel datat 10 ta' Settembru, 2015, li kien iċċertifika li l-attur qed isofri minn diżabilità kurrenti ta' 20%, salv illi *"this may reduce substantially with time and treatment over the next 12 months.", a fol.* 9 sa 12.

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur irid jipprova d-danni realment subiti minnu;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur li hu min issa inġunt in subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Ottubru, 2017, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Fid-9 ta' Marzu, 2015 fi Triq it-Torri, Tas-Sliema seħħ inċident stradali fejn l-attur filwaqt li kien qed jaqsam din it-triq, safa milqut mill-vettura Hyundai bin-numru ta' reġistrazzjoni DQZ 676 misjuqa mill-konvenut. L-attur jikkontendi li l-konvenut baqa' dieħel fih bil-vettura tiegħu meta hu kien qasam sa nofs il-karreġġjata u kkaġunalu ġrieħi gravi u jsostni li dan l-

inċident ġara unikament bi ħtija tal-konvenut minħabba n-negliġenza u t-traskuraġni tal-konvenut. Min-naħa tagħhom is-soċjetà konvenuta u l-konvenut isostnu illi assolutament mhuwiex minnu li l-konvenut kien jaħti għall-imsemmi inċident li seħħ unikament minħabba t-traskuraġni u l-imperizja tal-attur u għalhekk l-konvenuti ma għandhom iħallsu għall-ebda danni. Illi filwaqt li ma ġietx kkontestata r-rata ta' diżabilità sofferta mill-attur kif iċċertifikata mill-konsulent Frederick Zammit Maempel[4], il-konvenuti, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' responsabbilità tagħhom, jgħidu illi l-attur irid jipprova d-danni realment sofferti minnu.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

*Provi dwar id-dinamika u r-responsabbilità għall-inċident:*

L-attur **Alan Wood** fl-affidavit tiegħu jgħid[5] li fid-9 ta' Marzu, 2015 għall-ħabta tad-7.30 a.m. kien miexi fuq il-*front* Tas-Sliema u ried jaqsam Triq it-Torri biex jidħol fi Triq John Bosco. L-attur ippreżenta ritratti li juru t-triq minn fejn qasam, li tidher li hija waħda dritta u fejn fuq in-naħa tal-*front* kien hemm xi xtieli baxxi li ma jostakolawx il-viżjoni tat-triq.[6] L-attur ħares lejn il-lemin tiegħu u jgħid li ma kienx hemm vetturi ġejjin mid-direzzjoni ta' San Ġiljan għal Tas-Sliema. Ħares ukoll lejn ix-xellug tiegħu biex jara

---

[4] Ara l-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2016, *a fol.* 43, fejn l-avukat difensur tal-konvenuti ddikjarat li mhijiex qed tiġi kkontestata r-rata ta' diżabbilità permanenti kif ikkonstatata mill-espert mediku *ex-parte* Fredrick Zammit Maempel.
[5] *A fol.* 25 u 26.
[6] *A fol.* 38 u 39.

jekk kinux ġejjin vetturi mid-direzzjoni ta' Tas-Sliema mill-karreġġjata l-oħra tat-triq u jgħid li ra vettura waħda ġejja. Però jgħid li kkalkula li seta' jaqsam bil-mod qabel tasal il-vettura li kienet ġejja mix-xellug biex seta' jkompli jaqsam it-triq. L-attur jgħid li beda miexi fit-triq u jħares lejn il-karreġġjata li kienet fuq ix-xellug tiegħu sabiex jara li din il-vettura tgħaddi. Ġara li meta kkalkula li kien qasam nofs l-ewwel karreġġjata, daħlet ġo fih il-vettura misjuqa mill-konvenut, intilef minn sensih u sab ruħu l-isptar. L-attur fl-affidavit tiegħu jgħid ukoll li ma jaqbilx ma' dak li ġie kkwotat li qal l-konvenut skont ir-rapport tal-Pulizija li hu (l-attur) kien qabad u ħareġ, għax isostni li hu kien diġà wasal sa nofs l-ewwel karreġġjata meta l-konvenut baqa' dieħel ġo fih. L-attur anzi jinsisti li tant kien ċert li ma kinetx ġejja vettura min-naħa tal-lemin tiegħu, li hu baqa' jħares fuq ix-xellug tiegħu biex jaċċerta ruħu li tgħaddi l-karozza li kienet għaddejja mill-karreġġjata l-oħra.

In kontroeżami, l-attur jgħid[7] li ġieli għadda mit-triq fejn seħħ l-inċident u jgħid li dak il-ħin tal-inċident it-traffiku kien normali fis-sens li wieħed irid iħares biex jaqsam. Mistoqsi jekk minn fejn qasam hu kienx hemm *zebra crossing* jew *traffic lights* ftit metri 'l bogħod, kemm ftit 'il fuq u kemm 'l isfel, l-attur l-ewwel qal li mingħalih kien hemm *zebra crossing* waħda biss fi żmien l-inċident u mhux tnejn, imma wara jgħid li mhux ċert jekk kienx hemm diġà tnejn. Muri ritratt mill-ajru tat-triq, l-attur jikkonferma[8] li qasam eżatt fejn faċċata hemm Triq John Bosco, però kuntrarjament għal dak li kien sostna fl-affidavit tiegħu, l-attur jgħid li meta intlaqat kien wasal fin-nofs tat-triq, bejn karreġġjata u oħra, u mhux fin-nofs tal-ewwel

[7] *A fol.* 99 sa 106.
[8] *A fol.* 108.

karreġġjata. L-attur biddel il-verżjoni li kien ta fl-affidavit tiegħu fejn kien qal li beda miexi bil-mod fin-nofs tal-ewwel karreġġjata u jara l-karozza fin-naħa l-oħra tat-triq ġejja waqt li hu kien qed jaqsam. Fil-kontroeżami jgħid li kien wieqaf bejn karreġġjata u oħra, jistenna li tgħaddi l-karozza min-naħa tax-xellug. Fuq domanda tal-Qorti, l-attur ikkonferma[9] li ma kienx raha l-vettura li laqtitu ġejja għal fuqu u hawn jerġa' jikkonferma li huwa kien diġà qasam l-ewwel karreġġjata, kuntrarjament għal dak li kien qal fl-affidavit tiegħu. L-attur jagħmel riferiment għall-ħsarat fil-vettura tal-konvenut u jgħid li kieku mhux il-ġenb tal-vettura misjuqa mill-konvenut kien ifarrak bil-ħabta, iżda n-naħa ta' ġewwa tal-vettura.[10]

L-attur jgħid illi wara li ntlaqat ma jiftakar xejn aktar u ma jafx jekk baqax fl-istess post wara l-impatt. Fuq domanda tal-kontroparti, l-attur jinnega li meta xehed fil-kawża kriminali kontra l-konvenut, kien qal li kellu d-dawl tax-xemx ittelliflu l-vista ta' x'kien ġej mill-lemin tiegħu, anzi jgħid li d-dawl tax-xemx kien ġej min-naħa tax-xellug, min-naħa tal-Belt, u li d-dawl minn fejn kien ġej aktarx kien itellef il-vista tal-konvenut li kien ġej min-naħa tal-lemin mid-direzzjoni ta' San Ġiljan.

Is-Surġent PS 778, **David Sant**[11] ikkonferma r-rapport tal-Pulizija minnu redatt[12] u ppreżenta rapport sħiħ aġġornat sa dakinhar li kien qiegħed jixhed f'din il-kawża.[13] Ix-xhud spjega li meta mar fuq il-post tal-inċident fl-

[9] *A fol.* 103.
[10] Però kuntrarjament għal dak li jsostni l-attur, il-ħsarat fil-vettura tal-konvenut kif jidhru fir-ritratti tas-*survey report* tas-soċjetà konvenuta, *a fol.* 154 sa 160, juru l-impatt u l-ħsarat kienu l-aktar fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura, li hu indikattiv li l-attur kien għadu kif ħareġ fit-triq meta ntlaqat bil-karozza tal-konvenut li kienet ġejja min-naħa tal-lemin tiegħu.
[11] *A fol.* 44 u u *a fol.* 116 sa 119.
[12] *A fol.* 13 sa 17.
[13] *A fol.* 46 sa 53, inkluż l-iskizz *a fol.* 53.

inkroċju bejn Triq it-Torri u Triq John Bosco, huwa sab lill-attur mal-art imma ma kienx hemm il-vettura tal-konvenut fuq il-post. Il-konvenut però kien spjega lix-xhud li huwa ma kienx jaf bil-proċedura li kellu jħalli l-vettura fejn kien laqat lill-attur u wara l-inċident kien dawwar u pparkja fl-ewwel post li sab. Kien għalhekk li s-Surġent ma għamiltx l-iskizz *to scale.* Ix-xhud jgħid li kien ħa kemm id-dikjarazzjoni tal-konvenut kif ukoll tal-attur. L-i*statement* tal-attur kien ħadu l-isptar, bl-attur jgħid li kien għadu kif spiċċa l-mixja tas-soltu u meta mar biex jaqsam, sab il-vettura tal-konvenut fuqu. Fil-fatt fir-rapport tal-Pulizija l-attur jiġi kkwotat li stqarr "Jien spiċċajt mill-mixja. Meta mort biex naqsam sibt il-vettura fuqi." Skont dan ir-rapport tal-Pulizija, il-konvenut jiġi kkwotat li qal "*I was driving from St. Julians towards Sliema centre when suddenly a person stepped right in front of my vehicle. I stopped and gave assistance."*

Illi kwantu għall-ħsarat li ġarrbet il-vettura misjuqa mill-konvenut u mikrija mingħand Alpine Rent-A-Car, kif muri fir-rapport tal-Pulizija[14], huwa veru li l-ħsarat ġew indikati fil-*front bumper*, fil-*bonnet*, fil-*front windscreen* u fil-*front right wing,* però mis-*survey report* li sar mis-soċjetà konvenuta, jirriżulta li l-ħsarat fil-vettura misjuqa mill-konvenut kienu prinċipalment fuq in-naħa ta' quddiem, imma aktar lejn in-naħa tax-xellug tal-vettura, jiġifieri lejn in-naħa tal-bankina fuq in-naħa tal-baħar, tenut kont ta' minn fejn kienet ġejja l-vettura misjuqa mill-konvenut. Fir-rapport tal-Pulizija hemm il-konferma li fejn seħħ l-inċident it-triq hija dritta, il-kundizzjoni tat-triq kienet ħazina, mingħajr *road markings* u tiżloq għalkemm kienet asfaltata. Skont ix-xhud kienu ġew istitwiti proċeduri kriminali kontra l-

[14] *A fol.* 48.

konvenut odjern minħabba l-feriti gravi sofferti mill-attur. Mill-iskizz jirriżulta li l-attur kien instab għadu mal-art fit-triq, viċin tal-bankina fuq in-naħa tax-xatt.

Is-Surġent David Sant ikkonferma li l-post tal-inċident jafu sewwa għax hu minn Tas-Sliema u jimxi f'dawk l-inħawi kważi kuljum. Ix-xhud jgħid li kemm dakinhar li kien qed jixhed u anki fil-jum tal-inċident, f'din it-triq kien hemm żewġ *zebra crossings,* l-aktar waħda viċin fejn seħħ l-inċident bla *traffic lights* li tinsab fid-direzzjoni ta' San Ġiljan, u ż-*zebra crossing* l-oħra li tinsab daqsxejn aktar 'l bogħod fid-direzzjoni ta' Tas-Sliema li għandha t-*traffic lights*.[15] Ix-xhud ikkonferma li fi żmien l-inċident ma kinux għaddejjin xogħlijiet fil-viċinanzi ta' fejn seħħ l-inċident.

Il-konvenuti esebew kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet ***The Police vs.* Feras Ben-Saoud**[16] minn fejn jirriżulta li konvenut odjern, akkużat fil-proċeduri kriminali, ġie meħlus mill-akkuża li fl-inċident inkwistjoni kien ikkaġuna involontarjament feriti ta' natura gravi lill-attur odjern minħabba imprudenza, negliġenza u nuqqas ta' ħila u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u dan minħabba li:

> *"since even from the evidence of the accused he exercised due diligence when driving on the day and the fact that the aggrieved party came out from behind the bushes was something extraodrinary that the accused could not have expected."*

[15] Immarkati mix-xhud bl-ittra 'A' u bl-ittra 'B' rispettivament fuq ir-ritratti meħudin mill-ajru li jinsabu esebiti a fol 129 u 130.
[16] Datata 08.04.2016.

L-affidavit tal-konvenut **Feras Ben-Saoud** ġie sfilzat b'ordni tal-Qorti fl-udjenza tas-27 ta' Settembru, 2017, *stante* li l-attur kien fl-impossibilità li jikkontroeżamina lill-konvenut li huwa ta' nazzjonalità Libjana billi ma setax jiġi rintraċċjat biex jiġi Malta għall-kontroeżami tiegħu.

Xehed ukoll **John Lentini** *senior claims handler* tas-soċjetà konvenuta[17], li esebixxa l-*claim form* li kien issottometta l-konvenut[18], minn fejn tirriżulta l-istess verżjoni tal-konvenut fil-parti tal-formola li tagħmel riferiment għal kif seħħ l-inċident, "*person stepped in front of the car when crossing the road without using zebra crossing ...*".

*Provi dwar danni sofferti mill-attur:*

Kif diġà ngħad, il-konvenuti, *tramite* l-avukat difensur tagħhom, fl-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2016 iddikjaraw li mhijiex qed tiġi kkontestata r-rata ta' diżabilità permanenti kif konstatata mill-espert mediku *ex parte* **Frederick Zammit Maempel**. Dan ir-rapport ġie ppreżentat mill-attur mar-Rikors Maħluf tiegħu[19] u hu datat 10 ta' Settembru, 2015, sitt xhur wara l-inċident. Il-konklużjonijiet tal-espert mediku *ex-parte* kienu dawn:

> *"Mr Wood was examined for the purposes of this report three months after the index accident. He sustained a head injury, a dislocated shoulder and a fractured tibia. It appears that he recovered well from the head injury and had no complaints arising therefrom. The shoulder was reduced however three months later,*

[17] *A fol.* 132 u 133.
[18] *A fol.* 135.
[19] *A fol.* 9 sa 12.

> *the examination pointed to rotator cuff damage, and the MRI done 5 months after the accident confirms a substantial tear of the subscapularis tendon as well as damage to the articular surface of the humeral head (Hill Sachs). A full thickness tear of the rotator cuff is unlikely to heal and may require an operation to suture it. In his present predicament, he will continue to experience pain and weakness on undertaking certian movements of the shoulder. The tibial fracture is as yet ununited, and films taken four months after the accident shows signs of delayed union. This fracture may eventually go to spontaneous union, or it may require some encouragement to do so by dynamising the nail or by bone grafting the fracture site. The latter option is a major operation, and may result in morbidity at the donor site of the bone graft.*
>
> *In conclusion, Mr Wood has a substantial disability arising from the shoulder and this may improve with surgery but is unlikely to reduce to nil. The fractured tibia would be expected to unite eventually, and the interlocking nail is often removed. The clinical examination suggests that he also sustained a substantial soft tissue injury to the right angle which is manifesting as persistent pain and swelling three months after the accident. It may well be that he may not recover the full range of ankle movement, although his current limp would be expected to improve substantially. A re-examination in 12 months' time, after a lapse of time allowing the natural recovery to take place, would reveal a more accurate estimate of the permanent disability. I would estimate his current disability rating at 20% and this may reduce substantially with time and treatment over the next 12 months."*

Mill-atti ma jirriżultax illi sar xi eżami ieħor fuq l-attur wara tnax-il xahar biex jiġi stabbilit aħjar il-perċentwali ta' diżabilità li l-attur kien għad fadallu.

Fl-affidavit tiegħu, l-attur **Alan Wood** spjega għall-finijiet ta' *lucrum cessans* li għalkemm kien ħareġ mill-isptar għaxart ijiem wara l-inċident, hu ma setax imur lura għax-xogħol tiegħu bħala *security officer* mal-Malta Freeport Corporation qabel sitt xhur. L-attur jgħid illi x-xogħol tiegħu kien

jikkonsisti f'ħinijiet twal bilwieqfa u ħafna mixi u għalkemm illum għadu fl-istess xogħol, konsegwenza tal-inċident spiċċa jagħmel *"light duties"* fejn ma joqgħodx ħinijiet twal fuq saqajh u b'hekk tilef il-possibilità ta' ħafna *overtime.* L-attur jgħid illi bil-liċenza li kellu ta' *security guard* qabel kellu ukoll il-possibilità ta' *part-ime job* ma' *security firms* li jħallsu madwar €600 fix-xahar u jgħid li saħansitra kellu assigurat xogħol ma' waħda minn dawn il-kumpanniji, liema opportunità llum tilef. Madankollu l-attur ma ġab ebda prova ta' dan jew ta' x'kien isem din il-kumpannija. L-attur ippreżenta provi dwar x'kienet il-paga tiegħu għas-snin 2013 u 2014[20], bħala dħul *gross* fl-2013 mit-Tropicana Hotel: €6,037 u mill-Freeport Corporation Limited: €9,374; u bħala dħul *gross* fl-2014 mill-Freeport Corporation Limited: €19,396.

Ix-xhud **Grace Psaila**[21], il-PA taċ-CEO tal-Malta Freeport Corporation Limited, ippreżentat l-FS3 tal-attur li fl-2015 kellu dħul *gross* ta' €13,614.[22]

Dwar telf attwali, *damnum emergens*, Grace Psaila tagħti rendikont tas-*sick leave* li kien ħa l-attur fl-2015, li beda fid-9 ta' Marzu, 2015 u wara sitt ġimgħat ġie eżawrit is-*sick leave* kollu u kien intitolat biss għal sitt ġimgħat oħra *sick leave on half pay* u mis-27 ta' Ġunju, 2015 'il quddiem spiċċa fuq *unpaid leave.*[23]

---

[20] FS3, *a fol.* 27 sa 29.
[21] *A fol.* 60 sa 64.
[22] *A fol.* 81.
[23] Ara *leave calculation, a fol.* 66; dak li l-attur tilef eventwalment minħabba *unpaid leave* u telf ta' *Sunday shift allowances* fis-somma totali ta' €6,972.70, *a fol.* 65; *payslips* minn Jannar sa Diċembru, 2015, *a fol.* 67 sa 69; kopji taċ-ċertifikati mediċi minħabba mard, *a fol.* 83 sa 95; ċertifikat tat-tabib Dr. Pierre Chircop, *a fol.* 96; u *case summary* tal-Isptar Mater Dei, *a fol.* 97.

L-attur Alan Wood ippreżenta wkoll elenku tal-ispejjeż li nefaq minħabba l-inċident[24], inkluż il-ħlas lill-konsulent Frederick Zammit Maempel, *physiotherapy,* użu tal-*gym*, użu tal-pixxina, pilloli u vitamini, fis-somma totali ta' €648.62.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Dan hu każ tipiku fejn il-ġudikant huwa rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet dijamettrikament opposti għal xulxin, min-naħa l-attur, il-*pedestrian*, u min-naħa l-oħra l-konvenut, is-sewwieq tal-vettura. Meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, ġeneralment huwa dan li jseħħ, ċjoè jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti dwar l-akkadut.

L-attur isostni li meta kien qed jaqsam, huwa vverifika li mil-lemin ma kinux ġejjin vetturi u hekk kif kien qiegħed jaqsam bil-mod, jistenna vettura tgħaddi mix-xellug fil-karreġġjata l-oħra, laqtitu il-vettura misjuqa mill-konvenut li kienet ġejja min-naħa tal-lemin tiegħu fl-ewwel karreġġjata, meta s-sewwieq suppost kellu vista tat-triq li kienet dritta u seta' jarah sewwa. Għalkemm wara l-attur biddel kemxejn il-verżjoni tiegħu u qal li s-sewwieq dak il-ħin kellu x-xemx f'wiċċu tiela' mix-xellug min-naħa tal-Belt. Mill-provi mressqa mill-konvenuti, għad illi l-affidavit

[24] *A fol.* 30, flimkien ma' kopja tal-irċevuti *a fol.* 31 sa 37 maħruġa minn Mr Zammit Maempel; Care & Cure Group; Health Pit Operations Limited, Il & Co.; Eurosport; The Palace; u l-ispiżeriji Collis William Ltd., New British u Regency.

tal-konvenut ġie sfilzat, il-verżjoni tal-konvenut mill-bidu kienet illi l-attur ħareġ bl-addoċċ għal quddiemu u l-konvenut ma seta' jagħmel xejn biex jevitah. Il-konvenuti jgħidu wkoll li l-attur naqas li juża ż-*zebra crossing* jew it-*traffic lights* li hemm ftit 'l bogħod mill-post tal-inċident.

Mill-provi ma jirriżultax li l-konvenut kien qed jsuq b'xi veloċità eċċessiva u mir-rapport tal-Pulizija lanqas ma jirriżulta li fit-triq fejn seħħ l-inċident kien hemm xi *brake marks* tal-vettura tal-konvenut. Dak li però jrid jiġi stabbilit huwa jekk l-attur kienx fil-fatt diġà qasam sa nofs it-triq, bejn karreġġjata u oħra, kif isostni l-attur, jew jekk kif isostni l-konvenut, l-attur qabadx u ħareġ f'daqqa fit-triq b'mod imprudenti għal quddiem il-vettura misjuqa mill-konvenut.

Illi għaldaqstant f'sitwazzjoni ta' verżjonijiet konfliġġenti u opposti għal xulxin, il-Qorti trid bilfors tirrikorri għal indizji oħra, bħal konsistenza fix-xhieda, verosimiljanza għar-realtà, indizzji korroborattivi u anki preponderanza tal-probabbiltajiet u possibbilitajiet li jistgħu jnisslu ċertezza morali fil-ġudikant. Meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi svarjati tal-ħajja.[25] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[26]

---

[25] **Borg *vs.* Bartolo**, Appell Inferjuri, 25.06.1980.

[26] *Vide* wkoll **Caruana *vs.* Laurenti,** P.A., 08.04.1994, **Borg *vs.* *Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., 17.07.1981, **Vassallo *vs.* Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino,** Appell Kummerċjali, 25.02.1952.

Illi meta dawn il-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jiġu applikati għall-fattispeċi tal-kawża odjerna, jirriżulta li l-verżjoni tal-konvenut hi korroborata mill-ħsarat fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura li kien qed isuq, u ċjoè li l-inċident seħħ viċin il-bankina minn fejn l-attur beda jaqsam b'mod inkonsult u fejn *del resto* mmarka li sabu s-Surġent David Sant fuq l-iskizz tiegħu.

Il-verżjoni tal-attur mill-banda l-oħra hija miżgħuda bil-kontradizzjonijiet. Minkejja l-impressjoni li pprova jagħti l-attur li meta qasam ma kinux ġejjin vetturi mid-direzzjoni tal-lemin minn fejn kienet ġejja l-vettura tal-konvenut, fix-xhieda tal-attur hemm ħafna diskrepanzi, anki bejn dak li qal fl-affidavit tiegħu u dak li wieġeb in kontroeżami u bejn dak li stqarr mas-Surġent David Sant ftit wara l-inċident. L-attur fl-affidavit tiegħu qal li kien beda jaqsam bil-mod sakemm tgħaddi l-vettura li kienet ġejja mix-xellug, biex imbagħad ikompli jaqsam it-triq u kien għadu biss qasam nofs l-ewwel karreġġjata meta daħlet ġo fih il-vettura misjuqa mill-konvenut. L-attur in kontroeżami jbiddel il-verżjoni tiegħu kompletament u jgħid li kien intlaqat mill-vettura tal-konvenut meta huwa kien fin-nofs tat-triq bejn iż-żewġ karreġġjati jistenna li tgħaddi il-vettura lil kienet ġejja min-naħa tax-xellug tiegħu. Fl-affidavit tiegħu l-attur qal li kien ċert li ma kinitx ġejja karozza min-naħa tal-lemin meta beda jaqsam, imma ma jispjegax kif allura spiċċat laqtitu l-vettura tal-konvenut, li m'hemmx dubju kienet ġejja min-naħa tal-lemin u żgur ma waqatx mis-smewwiet. Il-fatt li l-attur fl-ebda mument ma raha l-vettura tal-konvenuta riesqa lejh, u l-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita dan għax l-attur żgur ma kienx ser jaqsam apposta quddiem il-vettura tal-konvenut kieku raha, ifisser li l-verżjoni tal-

konvenut hija l-aktar waħda attendibbli u verosimili. Fi kwalunkwe każ il-Qorti tqis illi l-attur qasam b'mod inkonsult u imprudenti meta naqas milli juża waħda miż-żewġ *zebra crossings* li hemm ftit 'il bogħod minn fejn qasam, waħda minnhom bit-*traffic lights.*

Filwaqt li tqis mingħajr ebda eżitazzjoni l-verżjoni tal-konvenuti bħala dik l-aktar verosimili u attendibbli, il-Qorti trid tistabbilixxi ta' min kienet ir-responsabbilità għall-akkadut, jekk hux tal-attur waħdu jew inkella kienx ukoll l-konvenut li kkontribwixxa għall-akkadut minħabba li kien fil-possibbiltà li jara lill-attur u jevita li jolqtu, ċjoè jekk kienx hemm kontributorjetà min-naħa tal-konvenut ukoll.

Fis-sentenza fl-ismijiet **John Ransley *et* *vs*. Edward Restall *et***[27] ġie ritenut:

> "Dwar il-*pedestrian* jingħad li dan għandu juża l-massimu prudenza meta jiġi biex jaqsam triq. L-artikoli 20 u 21 tal-*Highway Code* jgħidu hekk:
>
> "*20. Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise, cross the road where you have a clear view of the road both ways.*
>
> *21. Before you cross, stop at the kerb, look right, look left, and look right again. Do not cross before the road is clear.*"

Il-*pedestrian* suppost li jara vettura ġejja għax din ma taqax mis-sema.[28] Huwa wkoll fattur indikattiv tat-tort tal-*pedestrian* meta dan ikun għadu kif niżel il-bankina, għax jekk ikun kważi qasam it-triq allura d-*driver* ikollu

[27] P.A., 10.05.2005.
[28] **Peter Magro *vs.* Emanuel Grima**, P.A., 31.10.2012.

possibbiltà kbira li jilħaq jarah. Li persuna tintlaqat viċin tal-bankina minfejn tibda taqsam, huwa indikattiv ta' distanza ravviċinata ħafna għall-karozza li ttajjarha.[29] Fl-istess ħin is-sewwieq irid iżomm f'moħħu ċ-ċirkostanzi kollha tal-inħawi fejn ikun, il-konfigurazzjoni tat-triq, id-dawl, l-orjentazzjoni tat-triq max-xemx u l-kundizzjonijiet atmosferiċi. *Pedestrian* għandu dejjem ikun attent meta juża t-triq u jagħmel l-almu tiegħu biex jiġu evitati inċidenti, anke jekk għandu d-dritt favur tiegħu.[30]

Fis-sentenza deċiża minn din il-Qorti kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Joseph Micallef *vs*. Joseph Sammut**[31], ġie ritenut illi:

> "irid jingħad ukoll li l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss għandu wkoll l-obbligi tiegħu li jrid josserva sabiex ma joħloqx periklu lill-utenti l-oħra tat-triq u fil-fatt irid jipprova li huwa u (hawnhekk il-Qorti kkwotat il-ġurista eminenti Ingliż Gibb) '*used such care for his own safety as a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances*.'"

Sentenza oħra dwar l-obbligi tal-utent tat-triq hija dik fl-ismijiet **Rita Calleja *vs.* Joseph Agius** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta[32], fejn ingħad:

> "Jekk *pedestrian* ikun qiegħed ruħu f'post fejn mhux suppost ikun, id-*driver* li jkun qiegħed isuq karozza b'mod regolari jsib ruħu f'posizzjoni ta' emerġenza subbitaneja minħabba fih, dak id-*driver* m'għandux jiġi tenut ħati ta' sewqan perikoluż u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontinġenza."

[29] Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili (Superjuri) fl-ismijiet **George Micallef *nomine vs*. Gordon Camenzuli,** 07.10.1997.
[30] Ara s-sentenzi fl-ismijiet **Formosa & Camilleri Ltd. *et noe vs.* Joseph Camenzuli**, P.A., 26.04.2001 u **Stefan Bonello *vs*. Carmelo Abela**, P.A., 21.10.2002.
[31] 28.06.2001.
[32] 05.10.1995.

Tqis li mill-provi u l-indizji kollha li nġiebu quddiem il-Qorti f'din il-kawża, ġie ppruvat sal-grad probatorju rikjest mil-liġi, illi kien proprju dan li seħħ. Mill-ħsarat li ġew riskontrati fuq il-vettura tal-konvenut, jista' jiġi raġonevolment konkluż li l-attur qabad u ħareġ f'daqqa u li moħħu kien aktar fil-vettura li kienet ġejja min-naħa tax-xellug tiegħu fit-tieni karreġġjata u li ma tax każ ta' x'kien ġej mill-ewwel karreġġjata fuq in-naħa tax-xellug tiegħu u spiċċa eżatt quddiem l-vettura misjuqa mill-konvenut.

Fuq kollox il-Qorti trid tiddeċiedi skont il-liġi u abbażi tal-provi li jiġu sottomessi quddiemha. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, li dak li qed jallega jrid jippruvah hu dak li qiegħed jallega, ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-attur kellu jipprova li l-konvenut kien qed isuq b'mod traskurat. La miċ-ċirkustanzi ta' kif seħħ l-inċident u lanqas mill-provi mressqin mill-partijiet, ma ġie ppruvat dan, anzi jirriżulta li l-attur lanqas biss ra l-vettura li laqtitu, bil-mod inkonsult u imprudenti kif niżel minn fuq il-bankina biex beda jaqsam it-triq.

Illi dwar l-aspett tal-*proper lookout* fis-sentenza fl-ismijiet **Godfrey Ciangura *vs.* Carmen German**[33], ingħad:

> "Jiġi rilevat li sewwieq ikun ikkontribwixxa għall-inċident jekk ma jkunx żamm "*proper lookout*".

[33] P.A., 03.07.2008.

M'hemmx dubju li l-obbligu ta' kull sewwieq huwa li jżomm "*a proper lookout*." Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Louis Bianchi *noe vs*. Michelle Cassar**[34], ingħad li:

> "tnejn huma l-prinċipji ġeneralment akkolti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza estera u lokali, in materja ta' inċidenti ta' traffiku stradali, li għandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jiġifieri...*omissis*...b) hu anke dmir ta' sewwieq li jżomm dak li komunikament tissejjaħ "*a reasonable lookout*" liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġonevolment viżibbli."

Ġie approppositu ritenut li hu d-dover tas-sewwieq "*to see what is in plain view"*[35] u li "min ma jarax li raġonevolment għandu jara, jfisser li ma kienx qed iżomm *a proper lookout*".[36]

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Newhaus N.D. *vs*. Bastion Insurance Co. Ltd**[37] il-Qorti Ingliża kienet ikkonkludiet li:

> *"Keeping a proper lookout means more than the looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

[34] P.A., 06.11.1998.
[35] **Il-Pulizija *vs.* Joseph Vella**, 10.08.1963.
[36] **Il-Pulizija *vs.* J.M. Laferla**, 17.06.1964.
[37] 1968, (1) SA 398 (A) f'405H-406A.

Fir-rassenja studjata tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna fis-sentenza fl-ismijiet **Vincenzo Borg *vs.* Karl Jude Bonett**[38], ingħad:

> "Dan premess, minn eżami ta' bosta sentenzi, in partikolari dawk mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, *per* Imħallef William Harding, hija evidentement distingwibbli x'għandha tkun l-imġiba tas-sewwieq u tal-*pedestrian*, *qua* utenti tat-triq:
>
> (1) "*Driver* għandu juża d-diliġenza kollha biex jevita *pedestrian* li jaqsam it-triq anke jekk il-*pedestrian* jaqsam negliġentement u għalhekk għandu jiġi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tiegħu b'mod li jkun poġġa ruħu f'posizzjoni li ma setax jevita l-investiment ta' *pedestrian*. Il-każ li fih id-*driver* jista' jkun eżentat mir-responsabilità hu dak biss fejn il-*pedestrian*, b'xi att inaspettat u subitaneu, jew xort'oħra b'xi għemil tiegħu, ikun qiegħed lid-*driver* f'posizzjoni li, anke bl-użu tad-diliġenza meħtieġa, dan ma setax assolutament jevita l-investiment" – "**Il-Pulizija *vs.* Dockyard PC 347 Carmel Mifsud**", Appell Kriminali, 26 ta' Ġunju, 1954 (Kollez. Vol. XXXVIII, P. IV, p. 859);
>
> (2) "Il-*pedestrian* għandu ċertament drittijiet fiċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku, imma għandu wkoll obbligi. Jekk il-*pedestrian* ikun qiegħed ruħu f'post fejn mhux suppost ikun, u *driver* li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruħu f'posizzjoni ta' emerġenza subitanea minħabba fih, dak id-*driver* ma għandux jiġi ritenut ħati ta' sewqan perikoluż u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-*pedestrian* f'dik il-konsegwenza" – "**Il-Pulizija *vs.* Alfred Caruana**", Appell Kriminali, 14 ta' Mejju, 1955 (Kollez. Vol. XXXIX, P. IV, p. 1031);
>
> (3) "Il-*pedestrian* għalkemm għandu dritt li jkun fil-karreġġjata biex jaqsam ċertament għandu wkoll id-dover li juża prudenza biex jaqsam '*with reasonable dispatch*'. Aktar u aktar teħtieġ dik l-attenzjoni tal-*pedestrian* meta si tratta ta' *uncontrolled crossing*" –

[38] App. Inf., 10.10.2005 *per* Imħallef Philip Sciberras.

"**Il-Pulizija *vs.* Joseph Formosa**", Appell Kriminali, 4 ta' April, 1959 (Kollez. Vol. XLIII, P. IV, p. 1027);

(4) "Hu veru li anki l-*pedestrian* għandu d-doveri tiegħu fit-traffiku stradali; imma biex *driver* ta' karozza li jinvesti *pedestrian* u jikkaġunalu offiżi fuq il-persuna tiegħu jista' jiskolpa ruħu, jeħtieġ li jirriżulta li l-kawża unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-*pedestrian* li ġie milqut; u ma tistax tiġi invokata mid-*driver* l-iskriminanti tal-emerġenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa tal-awtista, li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emerġenza. Il-konduċenti ta' vetturi ma għandhomx jippreżumu normalità perfetta ta' komportament tal-*pedestrian* imma għandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontinġenzi stradali u jirregolaw il-veloċità tagħhom b'marġini suffiċjenti ta' sikurezza" – "**Il-Pulizija *vs.* George Muscat**", Appell Kriminali, 6 ta' Mejju, 1961 (Kollez. Vol. XLV, P. IV, p. 947);

Huwa deżumibbli minn dawn il-ġudikati illi kemm il-*pedestrian* kif ukoll il-konduċent ta' vettura għandhom josservaw dejjem ir-regoli tal-prudenza u tal-bon sens fiċ-ċirkolazzjoni stradali. Fattur determinanti ieħor li jemerġi minn dawn l-istess ġudikati huwa dak li biex *driver* ta' vettura jiskansa ruħu minn addebitu ta' ħtija jrid juri li hu ġie rinfaċċjat minn sitwazzjoni inevitabbli li ssorprendietu.

Dan aktar u aktar meta "fi trieqtu jinzerta nies li minħabba l-età tagħhom jew għal xi raġuni oħra ma jkollhomx la dik iċ-ċelerità ta' perċezzjoni, la dik il-prontezza ta' deċiżjoni, u lanqas dik l-iżveltezza ta' movimenti, li jeħtieġu ċ-ċirkostanzi improvviżi" – "**Il-Pulizija *vs.* Joseph Thornton**", Appell Kriminali, 18 ta' Marzu, 1961 (Kollez. Vol. XLV, P. IV. P. 920); .... *Omissis* ....

Jinsab statwit fis-sentenza fl-ismijiet "**Salvatore Bongailas vs. Joseph Mercieca**", Appell Ċivili, 20 ta' Jannar, 1967, ukoll ċitata mill-appellat, illi "m'hemm ebda presunzjoni li, fil-każ ta' aċċident bejn *motor car* u *pedestrian*, il-*pedestrian* għandu dejjem raġuni". Issokta mbagħad jiġi osservat illi "b'danakollu hu veru illi, fejn m'hemmx regolat b'xi mod partikolari l-passaġġ tal-*pedestrians*, *pedestrian* li juża t-triq karrozzabbli anqas għandu jitqies bħala xi intruż; u filwaqt illi l-*pedestrian* għandu ċertament juża l-kura meħtieġa biex ma joħloqx għall-utenti oħra tat-triq sitwazzjonijiet ta' perikolu jew

emerġenza, minn naħa l-oħra d-*drivers* ta' karozzi, li huma magni ta' potenza li joqtlu jew ikorru, għandhom l-obbligu gravi li jieħdu kura li jsuqu b'mod illi ma jkunux ta' perikolu jew dannu għall-*pedestrians* li għandhom ukoll id-dritt li jużaw it-toroq";

Mod jew ieħor din l-istess riflessjoni tinsab ekkeġġjata fis-sentenza fl-ismijiet "**Carmel Attard *vs.* John Baldacchino**", Appell Ċivili, 20 ta' Lulju, 1994."

Abbażi tal-prinċipji ġuridiċi li jitnisslu minn din il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar ir-responsabbilitajiet tas-sewwieq u tal-*pedestrian* applikati għaċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna, tqis illi kien hemm responsabbilità doppja tal-attur *pedestrian*, li ma qasamx it-triq minn fuq waħda miż-żewġ *zebra crossings* li kien hemm fuq ix-xellug u fuq il-lemin tiegħu u qabad u ħareġ f'salt mingħajr ma ta opportunità lill-konvenut li jevitah, tant hu hekk fl-istqarrija li għamel meta kien l-isptar, l-attur ammetta mas-Surġent David Sant li meta mar biex jaqsam, sab il-vettura misjuqa mill-konvenut fuqu. Wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti ma tarax li hemm fuqiex takkolla xi responsabbilità kontributorja[39] lill-konvenut għall-akkadut u tikkonkludi illi l-konvenut kien rinfaċċjat b'att kompletament inaspettat li huwa ma setax jevita.

Il-konvenuti bħala parti mill-provi li ressqu, ipproduċew ukoll kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet ***The Police vs.* Feras Ben-Saoud** li kienet illiberat lill-konvenut wara li kkonkludiet li l-konvenut kien qiegħed jeżerċita d-diliġenza dovuta meta kien qiegħed isuq dakinhar u minħabba l-mod li bih l-attur ħareġ fit-triq

[39] Ara f'dan is-sens Q.A., **Anthony Turner *et vs.* Francis Agius *et.***, 28.11.2003.

minn wara l-arbuxxelli li kien hemm fuq il-bankina, kienet xi ħaġa straordinarja li l-konvenut ma setax jantiċipa.

Illi kif ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet **Maruice Meli Bugeja *pro et noe vs.* Francis Vella**[40]:

> "Il-proċeduri kriminali u dawk ċivili huma distinti u separati u ma hemm xejn li jżomm lill-atturi biex jintavolaw din il-kawża fil-mori ta' proċeduri kriminali..."

Wara kollox anki l-artikolu 6 tal-Kap. 9 (il-Kodiċi Kriminali) jirrikonoxxi li att delittwuż jista' jwassal għal żewġ tipi ta' azzjonijiet ġudizzjarji, l-azzjoni kriminali u l-oħra ċivili, li però jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra. Fis-sentenza fl-ismijiet **Godfrey Schembri *vs.* Victor Portelli**[41] kien ġie ritenut illi:

> "Għalkemm il-proċeduri kriminali huma distinti u separati minn dawk ċivili, Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili tista' tirreferi għal dak deċiż f'kamp kriminali għall-fini tal-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, u s-sentenza hija prova li l-Qorti Ċivili tista' tqis u tikkunsidra. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Briffa *vs.* Abela**, deċiża fit-28 ta' Marzu, 2003, osservat li ma hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti, iżda l-ġudizzju *in sede penale* jikkostitwixxi "waħda mill-provi, għalkemm hi prova importanti" (sottolinejar ta' din il-Qorti). Din il-Qorti, fil-kawża **Xuereb *vs.* Micallef**, deċiża fis-26 ta' Novembru, 1923 kienet approvat dak li qal il-ġurista Laurent fis-sens illi "*si ritiene che il giudice civile può al*

[40] P.A., 26.01.2001.
[41] Q.A., 31.05.2013.

> *bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolta in procedimento penale*".

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Vincent Degabriele *vs.* Leonard Montebello *et***[42], b'adeżjoni ma' ġurisprudenza anterjuri, kien ġie ritenut illi "ma hemm xejn ħażin li ġudikant fi proċess ċivili jorbot deċiżjoni tiegħu mal-provi miġbura fi provvediment kriminali".[43]

Illi kwantu għall-grad ta' prova rikjest fi proċeduri ċivili u fi proċeduri kriminali:

> "Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dana għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubbju raġjonevoli". (**Eucaristico Zammit vs. Eustrachio Petrococchino**, App. 25.02.1952).[44]

Tqis għalhekk l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala waħda mill-provi indikattivi li flimkien ma' provi oħrajn li sar riferiment għalihom aktar qabel, wasslu lil din il-Qorti għal konvinċiment morali fuq bażi ta' probabbiltajiet illi fil-fatt waslet għalih.

---

[42] P.A., 28.01.2010.
[43] Ara wkoll, fl-istess sens, **Pace *vs.* Camilleri**, Q.A., 27.07.2007; **Caruana *vs.* Ministeru tal-Ambjent *et***, P.A., 07.07.2004 u **Bugeja *vs.* Coreschi**, Q.A., 30.04.2009.
[44] Ara wkoll **Paul Vassallo *vs.* Carmelo Pace**, App., 05.03.1986 u **Group 4 Securitas (Malta Limited) *vs.* Godfrey Lopez *et***, P.A., 25.11.2013.

***Decide***

**Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tiċħad it-talbiet kollha tal-attur;**

**2. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-attur kien unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fid-9 ta' Marzu, 2015 fi Triq it-Torri, Tas-Sliema, fejn kien milqut mill-vettura Hyundai DQZ-676 misjuqa mill-konvenut u għalhekk m'hemm ebda danni x'jiġu likwidati favur l-attur.**

**Bl-ispejjeż kollha tal-kawża kontra l-attur Alan Wood.**

Moqrija.